DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 99/2009

tal-25 ta' Settembru 2009

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 85/2009 tat-3 ta' Lulju 2009 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 69/2009 tad-29 ta' Mejju 2009 ([2]) inkorporat fir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) fil-Ftehim u rrevokat ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) taħt il-Ftehim.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 għandu jibqa' japplika taħt il-Ftehim sal-jum li jidħlu fis-seħħ l-aħħar tad-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li jinkorporaw fil-Ftehim il-miżuri neċessarji għall-applikabbiltà tar-Regolament (KE) Nru 300/2008.

(4) Għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 għandu jerġa' jiġi inkorporat fil-Ftehim b'adattament speċifiku.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 għandu jiġi rrevokat taħt il-Ftehim b'effet mid-data li jidħlu fis-seħħ l-aħħar tad-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li jinkorporaw fil-Ftehim il-miżuri neċessarji għall-applikabbiltà tar-Regoalment (KE) Nru 300/2008.

(6) Test ta' adattament li jikkonċerna Memorandum ta' Ftehim li jikkonċerna verifiki mall-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili għandu jiddaħħal fir-rigward tar-Regoalment (KE) Nru 300/2008,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness XIII tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) It-test tal-punt 66h (ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) għandu jiġi emendat b'dan li ġej:

(i) L-addattamenti (b), (c) u (d) għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala addattamenti (c), (d) u (e).

(ii) L-adattament li ġej għandu jiddaħħal wara l-adattament (a):

"(b) L-Artikolu 8 m'għandux japplika fir-rigward tal-Istati EFTA.

([1]) ĠU L 277, 22.10.2009, p. 37.
([2]) ĠU L 232, 3.9.2009, p. 25.
([3]) ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72.
([4]) ĠU L 355, 30.12.2002, p. 1.

Jekk il-Kummissjoni, abbażi tal-Artikolu 8, tikkonkludi li Memorandum ta' Ftehim li jirrigwarda verifiki mall-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (ICAO), l-Istati tal-EFTA se jaħdmu biex jikkonkludu mall-ICAO Memorandum ta' Ftehim li jikkorrispondi ma' dak tal-Kummissjoni."

(2) Il-punt li ġej għandu jiddħol wara l-punt 66ha (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 272/2009):

"66hb. **32002 R 2320**: Ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili (ĠU L 355, tat-30.12.2002, p. 1) għandu jiġi emendat b':

— **32004 R 0849**: Ir-Regolament (KE) Nru 849/2004 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tad-29 ta' April 2004 (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 1), kif rettifikat mill-ĠU L 229, 29.6.2004, p. 3.

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattazzjonijiet li ġejjin:

(a) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament m'għandhomx ikunu applikabbli għas-servizzi tal-ajru domestiċi f'ajruporti fit-territorju tal-Iżlanda.

(b) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament m'għandhomx ikunu applikabbli għall-infrastruttura eżistenti tal-avjazzjoni ċivili fit-territorju ta' Liechtenstein.

(c) Dan ir-Regolament għandu japplika sad-data li jiddħlu fis-seħħ l-aħħar tad-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li jinkorporaw fil-Ftehim il-miżuri neċessarji għall-applikabbiltà tar-Regolament (KE) Nru 300/2008".

(3) It-test tal-punt 66hb (ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) għandu jitħassar b'effet mid-data li jiddħlu fis-seħħ l-aħħar tad-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li jinkorporaw fil-Ftehim il-miżuri neċessarji għall-applikabbiltà tar-Regoalment (KE) Nru 300/2008.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiddħol fis-seħħ fis-26 ta' Settembru 2009 sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 69/2009 tad-29 ta' Mejju 2009, skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Settembru 2009.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Oda Helen SLETNES

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.